L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI



# Gwida għall-konsumatur
# Tagħrif dwar is-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi

## Tagħrif għall-konsumatur

Il-kwalità tal-ħajja tal-konsumaturi Maltin, bla edba dubju ittejbet tul l-aħħar snin, grazzi għal roħs fil-prezzijiet, għażla dejjem akbar ta' servizzi tat-telekommunikazzjoni li saru aktar sofistikati mal-mogħdija taż-żmien, kif ukoll titjib fil-kwalità tal-prodotti li qed joffru l-operaturi.

Dawn l-iżviluppi taw bidu wkoll lil bidliet ekonomiċi u soċjali, u kellhom sehem fil-ħolqien ta' dipendenza fuq ċerti servizzi li għadha qed tikber - dak li sa ftit snin ilu konna nqisuh bħala oġġett ta' lussu illum sar neċessità.

Din is-sitwazzjoni wasslet għal aspettazzjonijiet għolja min-naħa tal-konsumaturi. Sabiex tgħinhom jagħmlu l-aħjar għażliet u toffrilhom assistenza biex jagħżlu s-servizzi l-aktar adattati għall-ħtiġijiet tagħhom, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) ippubblikat dan il-ktejjeb li joffri informazzjoni dwar is-servizzi fis-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, jiġifieri dawk tat-telefonija ċellulari u fissa, tal-Internet u tat-televiżjoni.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-popolarità dejjem akbar tal-użu tal-kummerċ elettroniku, jew aħjar, xiri bl-Internet, dan il ktejjeb jinkludi wkoll gwidi bażiċi għal min jagħmel użu minn dan is-servizz. Dawn ġew imfassla speċifikament biex jgħinu lix-xerrej jagħmel l-aktar għażliet għaqlin u biex jiżgurawlu esperjenza ta' xiri aktar sigura u sodisfaċenti.

Dan il-ktejjeb fih ukoll tagħrif dwar l-affarijiet li għandek toqgħod attent għalihom f'kuntratti ta' servizz, dwar kif għandek tippreżenta l-ilmenti tiegħek b'mod effettiv, kif ukoll tagħrif dwar kif l-MCA tista' tgħin lill-konsumaturi jekk jiltaqgħu ma' problemi relatati ma' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Verzjoni aktar dettaljata ta' dawn il-gwidi jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-MCA www.mca.org.mt.

# Werrej


- Gwida Ġenerali 07
- Telefonija Fissa 13
- Telefonija Ċellulari 23
- Televiżjoni 33
- Internet 41
- Kummerċ Elettroniku 49

# Gwida Ġenerali

## X’għandek tagħmel qabel tagħżel operatur u tabbona għal servizz

- Qis x’inhu l-aktar importanti għalik: jekk huwiex **il-prezz, il-kwalità tas-servizz**, l-affidabilità tal-operatur jew is-servizz ta’ għajnuna li dan joffri lill-klijenti tiegħu.

- Tibbażax id-deċiżjoni tiegħek biss fuq tagħrif li ssib f’materjal promozzjonali.

- Sir af kemm tista’ dwar il-**prezz tas-servizz** u dwar il-**metodi ta’ ħlas** li jistgħu jintużaw, u staqsi dwar **minn xiex eżattament jikkonsisti s-servizz**. Ikkunsidra wkoll is-servizz ta’ għajnuna li jingħata lill-klijent u staqsi dwar jekk hemmx xi limitazzjonijiet li jistgħu japplikaw.

- Ċertu operaturi illum joffru għadd ta’ servizzi differenti f’pakkett wieħed. Dawn il-***bundled offers*** jitħallsu f’kont wieħed.

- Qabel ma tiffirma kuntratt għall-forniment ta’ servizzi, **qis li taqra u tifhem sew it-termini u l-kundizzjonijiet kollha** li jinsabu fih. Agħti attenzjoni partikolari lill-partijiet tal-kuntratt relatati ma’ dan li ġej:
    - **It-tul minimu** ta’ żmien li għalih se tibqa’ marbut bil-kuntratt;
    - Il-mod ta’ **kif jinħarġu l-kontijiet**, jekk hux kull xahar, kull xahrejn, jew mod ieħor;

- **Il-kundizzjonijiet ta' ħlas**;
- **Jekk japplikawx xi penali**, jekk kemm-il darba ma tħallasx il-kont fil-ħin jew tiddeċiedi li twaqqaf il-kuntratt; u
- Il-mod kif **jiġġedded il-kuntratt** meta jiskadi.

- Jekk jidhirlek li fit-termini u l-kundizzjonijiet hemm xi ħaġa li mhijiex ċara, tiddejjaqx tistaqsi għal aktar tagħrif.

## Suġġerimenti ġenerali għall-abbonati

- **Żomm kopja tal-kuntratt u tal-fatturi u l-irċevuti**, kif ukoll **kopja tal-korrispondenza** formali li tkun għaddiet bejnek u bejn l-operatur tiegħek.

- Ara li l-prodotti u/jew is-servizzi **jaqblu mat-termini stipulati fil-kuntratt** tal-bejgħ jew fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz.

- Meta tikkomunika mal-operatur, ħu nota tad-data u ta' **isem il-persuna li tkun tkellimt magħha.** Ħu nota wkoll ta' dak li jkun ġie miftiehem.

- L-operatur għandu d-dmir li jgħarrfek **mill-inqas tletin (30) ġurnata qabel ma jdaħħal fis-seħħ bidliet fis-servizz jew fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz**, bħal per eżempju bidla fil-prezz. Meta l-operatur jagħmel dan inti għandek id-dritt li tħassar il-kuntratt **mingħajr ma tħallas penali**.

## Kif tressaq ilment mal-operatur tiegħek

Jekk ma tħossokx għal kollox sodisfatt bis-servizz li tkun abbonajt għalih, għandek l-ewwel tkellem direttament lill-operatur tiegħek bil-għan li tissolva l-problema. Meta tagħmel hekk:

- **Spjega b'mod ċar x'inhi l-problema** u x'tistenna mingħand l-operatur tiegħek;
- **Saħħaħ l-argument tiegħek** billi tippreżenta kopji ta' dokumenti rilevanti;
- **Ħu nota tad-data u ta' isem il-persuna li tkun tkellimt magħha, kif ukoll tan-numru ta' referenza** li seta' ngħatalek. Żomm nota bil-miktub dwar **x'ġie miftiehem bejnek u bejn l-operatur** u żomm **kopji tal-korrispondenza** kollha li għaddiet bejnietkom; u
- Agħti tul ta' **żmien raġonevoli** lill-operatur sabiex ikun jista' jsolvi l-ilment tiegħek.



## Kif tista' tgħinek l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni?

Jekk tħoss li l-operatur naqas milli jieħu azzjoni xierqa dwar l-ilment tiegħek, **aħna nistgħu ngħinuk** billi:

- Nivverifikaw bis-sħiħ il-leġittimità tal-ilment tiegħek;
- Fejn ikun hemm ksur tal-liġi, nimponu soluzzjoni; u
- Skont il-bżonn, nibdew proċess ta' medjazzjoni sabiex ngħinuk tasal għal soluzzjoni xierqa.

L-MCA lesta li ttik it-tagħrif kollu relatat mad-dmirijiet tal-operaturi u li tgħarrfek dwar il-passi li tista' tieħu jekk jiġi l-bżonn.

Għal aktar tagħrif dwar kif nilqgħu u nipproċessaw l-ilmenti li jaslulna, żur is-sit elettroniku tagħna.

# Telefonija Fissa

## Kif tagħżel operatur li jipprovdi servizz ta' telefonija fissa

"Lil min beħsiebni nċempel l-aktar?"

"Kemm beħsiebni nużah it-telefon, u f'liema ħin tal-ġurnata?"

"Beħsiebni nċempel l-aktar lejn linji fissi jew *mobiles*, numri tat-telefon lokali jew numri barranin?"

**Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.**



## Sistemi ta' telefonija fissa minn fejn tista' tagħżel:

### *Public Switched Telephone Network* (PSTN)

- Il-PSTN tirreferi **għas-sistema tradizzjonali tat-telefonija**.

- Din is-sistema **m'għandhiex bżonn l-elettriku biex taħdem**. Dan ma japplikax għat-telefons bla *wires* (*cordless*), li jeħtieġu l-elettriku biex jiċċarġjaw u jaħdmu.

### *Voice over Internet Protocol* (VoIP)

- Il-VoIP hija teknoloġija li **tgħaddi t-telefonati permezz tal-Internet**.

- Xorta għandek bżonn sett tat-telefon biex iċċempel.

- Din is-sistema **teħtieġ l-elettriku biex taħdem**.

- Biex jibqa' jaħdem anki meta jinqata' l-elettriku, is-servizz irid ikun imqabbad ma' batterija ta' emerġenza jew **UPS (*Uninterruptible Power Supply*)**.

***Uninterruptible power supply*: Tagħmir li jipprovdi l-elettriku lil ċertu apparat f'każ li jinqata' d-dawl.**

**L-operaturi ta' *Public Switched Telephone Network* (PSTN) u *Voice over Internet Protocol* (VoIP) joffru firxa wiesgħa ta' abbonamenti u tariffi.**

## Skemi ta' abbonament u tariffi

### Servizz imħallas minn qabel (*pre-paid*)




- Il-ħlas għas-servizz isir **minn qabel**.
- Il-*credit* jista' jinxtara permezz ta' ***top-up cards*** jew b'metodi oħra offruti mill-operatur.
- It-*top-up cards* jista' jkollhom **medda ta' żmien** (*time-window*) li matulha jista' jintuża l-*credit* li għandek.

### Servizz li jitħallas wara (*post-paid*)




- Il-ħlas għas-servizz **isir wara li tirċievi l-kont.**

- Ġeneralment jintalab ħlas għall-**kera tal-linja**, għat-**telefonati** li tagħmel u għas-servizzi l-oħra li jingħatawlek.

- Il-kontijiet normalment jinħarġu **kull xahar jew xahrejn**.

## Xi trid tqis qabel ma tagħżel operatur tas-servizz tat-telefonija fissa?

- Qis ma' liema operatur huma abbonati n-nies li beħsiebek iċċempel l-aktar. It-telefonati li tagħmel lejn numri tal-istess operatur tiegħek **(telefonati *on-net*) jafu jkunu irħas**.

- Kun af li l-operaturi jistgħu jadottaw tariffi fuq bażi ta':

  - **Kull sekonda.**
  - **Kull minuta.**
  - **Kull *pulse*.**

**Pereżempju: jekk *pulse* wieħed = 5 minuti**
**L-operatur tiegħek se jżommlok ta' telefonata ta' 5 minuti anki jekk din it-telefonata ddum inqas minn 5 minuti. Il-ħin ekwivalenti għal *pulse* ivarja skont l-operatur.**

Inti tista' tintalab li tħallas ammont fiss hekk kif tagħmel it-telefonata (*set-up charge*), biex wara tkompli tħallas għal kull sekonda, kull minuta, jew kull *pulse*:

- ***Set-up charge* + ħlas għal kull sekonda/minuta/*pulse* = prezz ta' telefonata**

L-operatur jista' joffrilek prezz fiss għal kull telefonata, irrispettivament minn kemm tkun twila t-telefonata.

- Jista' jkun li t-**tariffi** tat-telefonati **jvarjaw skont il-ħinijiet differenti tal-ġurnata**. F'dan il-każ huwa importanti li tqis jekk inti ċċempilx l-aktar waqt sigħat ***Peak***, ***Off-Peak*** u ***Night-time***. Telefonati li tagħmel fis-sigħat *Off-peak* u *Night-time* ġeneralment ikunu irħas minn dawk li tagħmel matul is-sigħat *Peak*.

**Is-sigħat *Peak*: jirreferu għal dak il-ħin tal-ġurnata li fih is-servizz tat-telefon jintuża l-aktar (ġeneralment matul il-ġurnata).**

**Is-sigħat *Off-peak*: jirreferu għal dak il-ħin tal-ġurnata li fih is-servizz tat-telefon jintuża l-inqas (ġeneralment matul il-lejl).**



## Portabilità tan-Numru (*Number Portability*)

### Tixtieq tibdel l-operatur filwaqt li żżomm in-numru li għandek?

**Dan tista' tagħmlu permezz tas-servizz tal-*fixed line number portability* (*porting*).**

- **Qabel tapplika għall-*porting***:
  - Jekk qed tagħmel użu minn **servizz b'kuntratt (*post-paid*)**, ħallas il-kontijiet pendenti li jista' jkun għad għandek mal-operatur attwali tiegħek;
  - Jekk qed tagħmel użu minn **servizz imħallas minn qabel (*pre-paid*)**, il-bilanċ li jkun għad fadallek fil-kont jintilef waqt il-*porting*; u
  - Jekk in-numru tiegħek tat-telefonija fissa għandu mqabbad miegħu servizz tal-Internet bl-ADSL *broadband* u/jew **servizz ta' *Carelink***, dawn is-servizzi jridu jitwaqqfu qabel ma tkun tista' tapplika għall-*porting*.

***Carelink*: Sistema ta' allarm telefoniku.**

- **Jekk kemm-il darba tagħmel *porting*, inti tintrabat mal-operatur il-ġdid tiegħek għal mill-inqas xahrejn.**

**Waqt il-*porting***

- Mur f'kwalunkwe fergħa jew ħanut tal-operatur li miegħu tixtieq tabbona u ħu miegħek:

    - **Il-karta tal-identità jew il-passaport; u**
    - Kopja tal-aħħar kont, jew tal-aħħar rendikont tat-telefonati.

- Imla l-formola tal-*porting* u ħalli lill-operatur il-ġdid tiegħek jieħu ħsieb il-proċess tal-*porting* f'ismek.

- Huwa importanti li tkun taf li m'hemmx għalfejn tikkuntattja lill-operatur attwali tiegħek waqt li tkun qed issir il-proċedura tal-*porting*.

**Wara l-*porting***

- Dan il-proċess **m'għandux idum aktar minn ħamest ijiem (5) ta' xogħol** (għalkemm jista' jkun hemm lok għal eċċezzjonijiet).

**Trid tkun taf ma' liema operatur huwa abbonat xi numru partikolari tal-linja fissa? Ċempel in-numru '180' minn linja fissa u daħħal n-numru li tixtieq tiċċekkja. Dan is-servizz huwa bla ħlas.**

# Telefonija Ċellulari

# Kif tagħżel operatur li jipprovdi servizzi ta' telefonija ċellulari (*mobile*)



“Lil min beħsiebni nċempel l-aktar?”

“Kemm beħsiebni nużah il-*mobile*, u f’liema ħin tal-ġurnata?”

“Beħsiebni nċempel l-aktar lejn linji fissi jew *mobiles*, numri tat-telefon lokali jew numri barranin?”

**Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.**

## Skemi ta’ abbonament u tariffi għal telefonija ċellulari - liema minn dawn it-tnejn għandi nagħżel?

### Servizz imħallas minn qabel (*Pre-paid*)




- Il-ħlas għas-servizz isir **minn qabel**.

- Il-*credit* jista’ jinxtara permezz ta’ ***top-up* cards** jew b’metodi oħra offruti mill-operatur.

- It-*top-up cards* jista’ jkollhom medda ta’ żmien (***time-window***) li matulha jista’ jintuża l-*credit* li għandek.

- **Il-meded ta’ żmien abbinati mat-*top-up cards*** jistgħu ivarjaw skont il-valur tal-*card* - għandek tkun taf li **dawn ma jinġemgħux**.

**Ma jinġemgħux: jekk pereżempju fl-istess ġurnata tittoppja l-*mobile* tiegħek b’żewġ *top-up cards* ta’ €10 (b’medda ta’ żmien ta’ 90 ġurnata kull waħda), l-ammont ta’ ġranet li jkollok biex tonfoq il-*credit* ma jkunx ta' 180 ġurnata imma ta’ 90 ġurnata.**

**Inti tista' tixtri l-*credit* b'diversi modi:**

- Mill-ATM;
- Permezz ta' *top-up* mill-kont bankarju tiegħek;
- Mis-sit elettroniku tal-operatur; jew
- Permezz ta' *top-up cards* jew metodi oħra li joffru l-operaturi.

**Importanti li tiċċekkja liema minn dawn il-metodi ta' xiri ta' *credit* joffri l-operatur tiegħek.**

## Servizz b'kuntratt (*Post-paid*)




- Il-ħlas għas-servizz isir **wara li tirċievi l-kont**; u
- Jintalab ħlas **għall-aċċess**, **għat-telefonati** li tagħmel u **għas-servizzi** l-oħra li jingħatawlek. Il-kontijiet normalment jinħarġu **kull xahar**.

# X'għandek tqis qabel ma tagħżel operatur li jipprovdi servizz ta' telefonija ċellulari

- Jista' jagħti l-każ li ċerti teknoloġiji tat-telefonija ċellulari ma jintlaħqux dejjem minn ġol-bini. Għalhekk huwa importanti li qabel ma tintrabat b'kuntratt **iġġib konferma bil-miktub mill-operatur li se jkollok servizz adegwat fil-proprjetajiet li inti ta' spiss se tkun fihom**.

- Qis ma' liema operatur huma abbonati n-nies li beħsiebek iċċempel l-aktar. Telefonati li jsiru bejn numri tal-istess operatur (telefonati *on-net*) **jaf ikunu irħas** minn telefonati li jsiru bejn numri ta' operaturi differenti.

- Jekk se tixtri *mobile* mingħand l-operatur tiegħek, iċċekkja jekk dan huwiex ***network locked*** jew ***SIM locked***. Fiż-żewġ ċirkostanzi qis l-ispejjeż involuti biex l-operatur jiftaħlek il-*mobile* magħluq fuq in-netwerk jew is-*SIM card* tiegħu.

- ***Network locked***

Dawn il-*mobiles* jistgħu jintużaw biss b'*SIM cards* ta' operatur partikolari.

- ***SIM locked***

Dawn il-*mobiles* jaħdmu biss b'*SIM card* partikolari.

# *Roaming* internazzjonali



# Tixtieq tuża l-*mobile* tiegħek barra minn Malta?

- Staqsi lill-operatur tiegħek jekk l-iskema li għandek tippermettilekx tuża s-servizzi tal-*mobile* anki meta tkun imsiefer. Dan is-servizz huwa magħruf bħala ***roaming*** **internazzjonali**.

- Kun af li inti tħallas għat-telefonati li tirċievi waqt li tkun imsiefer. Fl-istess waqt, min ikun qed iċempillek iħallas ta' telefonata lokali.

- **Sejjer f'xi pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea?**

  - Tista' tgawdi mill-**'Ewrotariffa'**.
  - L-Ewrotariffa tistabbilixxi x'għandu jkun il-ħlas massimu li jista' jitlob l-operatur meta ċċempel jew tirċievi telefonati waqt li tkun imsiefer f'xi pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea.

- **Sejjer f'xi pajjiż barra mill-Unjoni Ewropea?**

  - It-tariffi jafu jvarjaw minn dawk tal-Ewrotariffa. Sir af **ma' liema operatur barrani għandu ftehim l-operatur tiegħek fil-pajjiż li beħsiebek tmur, u x'inhuma t-tariffi li japplikaw** meta tagħmel użu mis-servizzi tat-telefonija ċellulari.

- Is-siti elettroniċi tal-operaturi jagħtuk it-tagħrif meħtieġ dwar it-tariffi ta' *roaming* internazzjonali, kif ukoll dwar x'għandek tagħmel biex tattiva s-servizz tar-*roaming*.

## Portabilità tan-Numru (*Number Portability*)

## Tixtieq tibdel l-operatur filwaqt li żżomm in-numru li għandek?

Tista' tagħmel dan permezz tas-servizz tal-*mobile number portability* (*porting*).

- **Qabel tapplika għall-*porting***:
  - Jekk qed tagħmel użu minn **servizz b'kuntratt (*post-paid*)**, ħallas il-kontijiet pendenti li jista' jkun għad għandek mal-operatur attwali tiegħek;
  - Jekk qed tagħmel użu minn **servizz imħallas minn qabel (*pre-paid*)**, il-bilanċ li jkun għad fadallek fil-kont jintilef waqt il-*porting*;
  - **Jekk kemm-il darba tagħmel *porting*, inti tintrabat mal-operatur il-ġdid tiegħek għal mill-inqas xahrejn**; u
  - Staqsi lill-operatur il-ġdid dwar jekk l-informazzjoni li jkollok maħżuna fis-*SIM card* (bħal numri tat-telefon, eċċ.) tintilifx waqt il-*porting*.

- **Waqt il-*porting***:

  - Mur f'kwalunkwe fergħa jew ħanut tal-operatur li miegħu tixtieq tabbona u ħu miegħek:
    - **Il-karta tal-identità jew il-passaport; u**
    - **Is-*SIM card***.

**Biex jagħmlu *porting*, persuni taħt it-18-il sena jeħtieġu l-permess tal-kustodja legali tagħhom.**

  - Imla l-formola tal-*porting* u ħalli **lill-operatur il-ġdid tiegħek jieħu ħsieb il-proċess tal-*porting*** f'ismek.

  - Huwa importanti li tkun taf li m'hemmx għalfejn tikkuntattja lill-operatur attwali tiegħek waqt li tkun qed issir il-proċedura tal-*porting*.

- **Wara l-*porting***:

  - Dan il-process **m'għandux idum aktar minn ġurnata waħda (1)** ta' xogħol (għalkemm jista' jkun hemm lok għal eċċezzjonijiet).

**Trid tkun taf ma' liema operatur huwa abbonat numru tal-*mobile* partikolari? Ċempel mill-*mobile* fuq in-numru '180' jew ibgħat SMS lin-numru '180' bin-numru tal-*mobile* li tixtieq tiċċekkja. Dan is-servizz huwa bla ħlas.**

# Televiżjoni

## Kif tagħżel operatur li jipprovdi servizzi tat-televiżjoni

“X’tipi ta’ sistemi ta’ servizzi televiżivi huma disponibbli bħalissa?”

“X’inhuma l-benefiċċji u l-kundizzjonijiet ta’ użu ta’ dawn is-sistemi?”

“X’għażla ta’ stazzjonijiet qiegħed joffri l-operatur?”

**Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.**



## Sistemi ta’ servizzi televiżivi minn fejn tista’ tagħżel:

### Servizzi li jixxandru mingħajr ħlas permezz ta' antenna (erjal) *Free-to-air* - ***Terrestrial Analogue***



- Din hi s-sistema televiżiva tradizzjonali. Dan is-servizz jitwassallek f'format *analogue*.

- Bl-użu ta' antenna tista' tara stazzjonijiet lokali (*free-to-air*), fosthom Net TV, One TV, Smash TV u Television Malta (TVM), mingħajr ebda ħlas;

- Is-sistema *analogue* se taqleb għal sistema diġitali. Mill-2011, se tkun tista’ tara 6 stazzjonijiet lokali f’format diġitali mingħajr ebda ħlas; u

- Wara l-bidla diġitali sabiex tara dawn l-istazzjonijiet se jkollok bżonn jew:

  - TV mgħammar bi tuner diġitali; jew
  - *Digital Terrestrial set-top box* li titwaħħal mat-TV u mal-erjal.

- Is-servizzi televiżivi f’format diġitali (kemm dawk *Terrestrial* u kemm dawk *Cable*) joffrulek:
    - Stampa aktar ċara;
    - *Stereo sound* ta’ livell għoli;
    - Possibilita’ ta’ għażla akbar ta’ stazzjonijiet;
    - Inqas interferenzi; u
    - Gwida elettronika għall-programmi.

## Servizzi diġitali bi ħlas li jixxandru permezz ta' antenna (erjal) - ***Terrestrial Digital* (DTTV)**



- Dan is-servizz jitwassallek f'format diġitali; u
- Biex tagħmel użu minnu għandek bżonn:
    - Antenna (erjal); u
    - *Set-top box* (STB) li titwaħħal mat-TV u mal-antenna.

## Servizzi *analogue* bi ħlas li jixxandru permezz ta' *cable* - ***Cable Analogue***



- Dan is-servizz jitwassallek f'format *Analogue*; u

- Jista’ jagħti l-każ li l-operatur joffri servizz bażiku li normalment jinkludi l-istazzjonijiet lokali, fejn ma jkunx hemm bżonn ta’ *set top box.*

## Servizzi diġitali bi ħlas li jixxandru permezz ta' *cable* - ***Digital Cable***



- Dan is-servizz jitwassallek f'format diġitali; u
- Biex tagħmel użu minnu għandek bżonn:
    - *Digital Cable Set-top box* li titwaħħal mat-TV u mas-sistema tal-*cable*.

## Servizzi li jixxandru permezz tas-**satellita**



- Biex tagħmel użu minnhom għandek bżonn:
    - Dixx tas-satellita li jirċievi s-sinjali tax-xandir; u
    - Apparat li jitwaħħal mat-TV, li hu simili għal *set-top box.*

## X'għandek tqis qabel ma tagħżel operatur li jipprovdi servizzi tat-televiżjoni?

- Informa ruħek sew dwar x'pakketti ta' stazzjonijiet televiżivi qegħdin joffru l-operaturi u **għażel dak il-pakkett li jgħodd għalik**. Ftakar li tista' tagħżel bejn pakketti bażiċi bi prezz baxx u oħrajn bi prezz ogħla, li jinkludu stazzjonijiet ta' *films*, sport u divertiment.

- Iċċekkja jekk:

  - Is-servizz tat-televiżjoni jasalx **bl-aħjar kwalità** fl-inħawi u l-proprjetà minn fejn tixtieq tirċevieh;

  - Is-*set-top box* titqiesx bħala mikrija u jekk din tridx tingħata lura lill-operatur hekk kif tiddeċiedi li twaqqaf is-servizz; u

  - **L-ispejjeż marbuta** max-xiri jew mal-kiri ta' tagħmir ieħor li jista' jkun meħtieġ biex tirċievi servizz tal-aqwa kwalità, kif ukoll spejjeż oħra meħtieġa għall-installazzjoni tas-servizz. Qis ukoll l-ispejjeż marbuta mad-diżattivazzjoni tal-apparat, u jekk tridx tħallas xi spejjeż oħra jekk dan jintilef, jinsteraq, jiġrilu xi ħsara jew ma jibqax jaħdem sew.

**L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ma tirregolax il-kontenut tal-programmi mxandra mill-operaturi.**

# Internet

## Kif tagħżel operatur li jipprovdi servizzi tal-Internet (ISP: *Internet Service Provider*)



"Kemm il-siegħa beħsiebni nqatta' fuq l-Internet kull xahar?"

"Fi x'ħin beħsiebni nuża l-Internet?"

"X'ammont ta' *data* beħsiebni nniżżel mill-Internet?"

"Minfejn beħsiebni naċċessa l-Internet?"

**Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.**

## Sistemi ewlenin ta' servizzi tal-Internet:

### *Broadband Internet*

- *Broadband Internet* jitwassal **permezz tat-telefon, tal-*cable* jew ta' antenna.**

- Il-kompjuter tiegħek **jaqbad awtomatikament** mal-Internet malli tixgħelu.

- Servizzi ta' *Broadband Internet* f'Malta ġeneralment joffrulek ***download speeds*** ta' 2Mbps jew aktar.

***Download Speed*: Il-ħeffa li biha tniżżel data mill-Internet. Dan l-ammont jitkejjel f'*Kilobits per second* (Kbps) jew *Megabits per second* (Mbps). 1000 Kbps huwa ekwivalenti għal 1 *Megabit per second* (Mbps).**

**Tipi ta' *Broadband Internet***



- **ADSL**

Is-servizz ta' ADSL jitwassal **permezz tal-linja tat-telefon tradizzjonali**.

- ***Cable***

Servizz ta' *cable Internet* jitwassal **permezz tal-*cable* netwerk.**



- ***Wireless***

Servizz ta' *wireless Internet* **ma jeħtieġx li l-kompjuter ikun imqabbad bil-*wires*** ma' linja tat-telefon jew mal-*cable* netwerk.



**Teknoloġiji *wireless* jinkludu, fost l-oħrajn:**

- **WiFi**

Permezz ta' din it-teknoloġija tista' taqbad mal-Internet minn imkejjen differenti fil-proprjetà tiegħek, mingħajr il-bżonn li l-kompjuter ikun imqabbad ma' *modem* permezz ta' *wires*.

- **WiMAX**

B'din it-teknoloġija tista' ġġorr il-WiMAX *modem* minn post għal ieħor fiż-żona koperta bil-WiMAX, mingħajr ma jkollok bżonn tqabbad il-*modem* mat-telefon jew mal-*cable* netwerk.

- **3G (Third Generation) & 3.5G (HSDPA)**

Għal din it-teknoloġija teħtieġ:

  - **Telefon ċellulari 3G jew 3.5G**; jew
  - ***PC card*** b'antenna inkorporata jew portable *USB modem* li jitqabbdu mal-kompjuter, mal-*laptop* jew mal-*PDA* tiegħek; jew

- *Laptop* jew PDA **b'aċċess inkorporat** man-netwerk tat-3G jew tal-HSDPA.

## X'għandek tqis qabel ma tagħżel operatur tas-servizz tal-Internet?

- Jekk se tuża l-Internet għal skopijiet ta' *browsing* u biex tikkorrispondi permezz tal-*emails*, normalment għandek bżonn:
    - ***Download Speed*** ta' 2Mbps jew aktar; u
    - ***Download Limit/Usage*** ta' 6GB jew aktar.

***Download Limit/Usage*: L-ammont ta' *data* li tista' tniżżel mill-Internet għal fuq il-kompjuter tiegħek f'perjodu speċifiku. Dan l-ammont jitkejjel f'*Gigabytes* (GB).**

- Biex tniżżel jew tara mill-Internet mużika, *videos* u logħob, jista' jkollok bżonn *download speed* u *download limit* ogħla fix-xahar.

- Staqsi lill-operatur tiegħek kif tista' tiċċekkja kemm qiegħed tuża mid-*download limit* li għandek u x'jiġri jekk taqbeż dan il-limitu.

- F'ċertu każijiet, l-operatur jista' jillimitalek l-ammont ta' data li tista' ttella minn fuq il-kompjuter tiegħek (***upload***) matul perjodu speċifiku.

> ***Upload*: Meta ttella' informazzjoni mill-kompjuter tiegħek għal fuq l-Internet e.g. meta tpoġġi xi ritratti fuq *Facebook* jew meta tibgħat *email*.**

- Kun af id-differenza bejn ***data usage*** u ***download limit***.

> ***Data Usage*: L-ammont totali ta' *download* u *upload* ta' data li tista' tagħmel f'perjodu speċifiku. Dan l-ammont jitkejjel f'*Megabytes* (MB) jew f'*Gigabytes* (GB).**

---

## Għaliex l-*Internet speeds* mhux dejjem ikunu dawk indikati mill-operaturi?

---

- L-*Internet speed* li tirċievi jaf **ikun aktar baxx minn dak indikat minħabba:**

    - **Id-distanza** bejn il-proprjetà tiegħek u l-eqreb *exchange* jew *wireless tower*;

- Il-limitazzjonijiet tan-netwerk tal-operatur konċernat;
- **In-numru ta' abbonati** li jagħmlu użu mill-istess netwerk; jew
- **In-numru ta' individwi** li jkunu qed jagħmlu użu mill Internet jew minn sit elettroniku fl-istess ħin.

- Iċċekkja jekk:

  - Is-servizz tal-Internet jasalx bl-aħjar kwalità fl-inħawi u l-proprjetà minn fejn tixtieq tirċevieh.

## Kif nista' niċċekkja l-*Internet speed* tiegħi?

- Din l-informazzjoni tista' tinkiseb billi tagħmel użu minn **Internet *speed test***. L-MCA toffri dan is-servizz (*Internet Health Monitoring System* - IHMS) fuq is-sit elettroniku tagħha.

- Dan is-sit joffrilek ukoll informazzjoni dwar id-disponibilità tan-netwerk ta' operaturi differenti.

- Xi wħud mill-operaturi joffru dan is-servizz fuq is-sit elettroniku tagħhom.

- Tista' wkoll tagħmel użu minn *speed tests* oħra li ssib fuq l-Internet.

# Kummerċ Elettroniku

# Gwida essenzjali għal xiri bl-Internet



Tixtieq tixtri xi prodotti jew servizzi mill-kumdità ta’ darek jew tal-uffiċċju tiegħek?

Tixtieq li jkollok iċ-ċans li ddur biex tixtri, tqabbel il-prezzijiet u ssib il-prodotti u s-servizzi li trid jew teħtieġ fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata?

- Kulma teħtieġ huwa kompjuter imqabbad mal-Internet.
- Is-suġġerimenti li ġejjin se jgħinuk meta tixtri bl-Internet!

## Min hu l-bejjiegħ?

- Kull min ibiegħ bl-Internet huwa marbut li jagħti dettalji bażiċi fuqu nnifsu, bħalma huma l-isem, l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni, in-numru tal-VAT u l-indirizz *email* tal-kumpanija, kif ukoll dettalji oħra simili. Kun ċert minn dawn id-dettalji qabel tixtri prodott jew servizz permezz tal-Internet.

**Numru ta' siti elettroniċi għandhom taqsimiet li fihom ix-xerrejja jistgħu jikkummentaw dwar l-esperjenza tax-xiri tagħhom mal-bejjiegħ, pereżempju rigward il-kwalità tal-prodotti, iż-żmien li ttieħed biex twassal il-prodott, il-mod kif jiġu trattati l-ilmenti, eċċ.**

- Ara **r-reazzjonijiet u l-kummenti dwar il-bejjiegħ** li setgħu ppubblikaw xerrejja oħra fuq l-istess sit elettroniku.

- Żomm għajnejk miftuħa għal kull tip ta' **marka ta' fiduċja rikonoxxuta**, bħalma hi l-*Euro-Label*.

- Il-*Euro-Label*, pereżempju, tiċċertifika li l-kumpanija tosserva l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta għall-Kummerċ Elettroniku.

## Kemm taf dwar il-**prodott** jew is-**servizz**?

- Aqra sew l-informazzjoni kollha dwar il-prodott jew is-servizz li beħsiebek tixtri jew tabbona għalih.

**Oqgħod attent minn offerti li jistgħu jidhru bħala attraenti wisq biex ikunu veri, speċjalment minn offerti relatati ma' prodotti li huma rari jew diffiċli biex wieħed isibhom u li jkunu qed jinbiegħu bi prezzijiet irħas ħafna.**

- Jekk issibhom fuq is-sit, **ara sew ir-ritratti jew l-istampi** tal-prodott.

- Aċċerta ruħek li l-prodott li se tixtri huwa **konformi mar-regoli nazzjonali u/jew Ewropej**. Pereżempju, apparat tar-radju bħalma huma radjijiet marittimi VHF, netwerks bla *wires* (Wi-Fi), ġugarelli bir-*remote control*, eċċ. għandhom joperaw fuq il-frekwenzi tar-radju tajbin u fil-parametri CE ; apparat ieħor għandu jkollu dak li jissejjaħ ***alert sign***. Minħabba ħtiġijiet nazzjonali, mhux l-apparat kollu li jinxtara minn pajjiżi oħra tal-UE jista' jintuża f'Malta. Għaldaqstant, ikun tajjeb illi wieħed ikellem lill-MCA qabel ma jixtri apparat ta' dan it-tip. Tista' tikseb aktar tagħrif dwar is-suġġett billi tibgħat *email* fuq: rtte@mca.org.mt.

- Qis li **tifhem ir-regoli kollha** marbutin mal-irkanti *online* u t-termini u kundizzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe xiri li beħsiebek tagħmel.

- Qatt titfa' offerta għal xi prodott li m'għandekx ħsieb li takkwista.

**Kun af li meta tixtri minn irkanti *online* m'intix protett bil-liġi tad-*Distance Selling*. Madankollu, il-maġġoranza tas-siti elettroniċi rinomati li joffru rkanti *online* joffru xi tip ta' protezzjoni għal min jixtri mingħandhom.**

- Kun af il-ħlas kollu dovut f'Ewro għal dak li se tixtri, inklużi l-VAT u kwalunkwe spejjeż oħra bħal m'huma ***shipping & handling***, **taxxi u dazji**.

**Ħafna drabi, *express shipping* tfisser li jkollok tħallas prezz ogħla biex jitwassallek il-prodott. Ġeneralment, fuq prodotti mixtrijin minn siti elettroniċi bbażati barra l-UE jkunu jridu jitħallsu dażju u VAT mal-wasla tagħhom f'Malta.**

## Meta tixtri

- Aqra sew it-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xiri ***(purchase agreement)***.

- Qis sew kwalunkwe **garanzija** li jista' jkollok dritt għaliha.

- Ara sew x'metodi ta' ħlas (***payment options***) qiegħed joffrilek il-bejjiegħ. Fost oħrajn, dawn jistgħu jinkludu *credit* jew *debit cards*, ċekkijiet personali jew *money orders*.

- Ħu nota ta' **meta għandek tirċievi l-prodotti li tkun xtrajt**. Jekk ma tkunx għamilt arranġament mod ieħor, il-bejjiegħ irid jibgħat l-ordni tiegħek fi zmien tletin (30) ġurnata minn meta tkun għamilt l-ordni.

- Qabel ma tħallas, **kun ċert li tkun daħħalt id-dettalji tal-ordni tiegħek kif suppost**.

**Bejjiegħ tal-affari tiegħu jagħtik l-opportunità li tiċċekkja l-ordni tiegħek qabel ma tħallas. Din il-fażi ġeneralment tissejjaħ *'checking-out'*, u ttik l-opportunità li tagħmel bidliet relatati mal-ordni tiegħek, kemm fid-dettalji personali li tkun daħħalt fil-formola elettronika kif ukoll fil-kwantitajiet tal-prodott jew prodotti li tkun se tixtri.**

- Malli tagħmel l-ordni, għandek tirċievi ***email* li tikkonferma li l-ordni** saret. Skont il-każ, din tista' tinkludi wkoll riċevuta. Żomm kopja tal-*email* bil-konferma tal-ordni.

- Kun konxju tad-**dritt tiegħek li tħassar l-ordni (*Right to Cancel*).**

**Nota: FI-UE il-perjodu li matulu tista' titħassar l-ordni jvarja minn pajjiż tal-UE għal ieħor. Madankollu, dan ma jistax ikun ta' inqas minn sebat (7) ijiem, esklużi Ħdud u festi. Ordnijiet bl-Internet lil bejjiegħa Maltin jistgħu jitħassru sa ħmistax (15)-il ġurnata minn meta jasal l-ordni. Il-bejjiegħ għandu l-obbligu li jagħti rimborż tal-ħlas fi żmien tletin (30) ġurnata. Madankollu, hemm xi prodotti u servizzi li l-ordnijiet għalihom ma jistgħux jitħassru mingħajr ma jsir xi tip ta' ħlas ieħor: dawn jinkludu ikel u xorb, biljetti għal kunċerti u *bookings* ta' lukandi.**

- Ara sew **ir-regoli tal-bejjiegħ dwar ir-radd lura ta' prodotti u r-rimborż ta' flus**.

- Itlob u żomm kopja tat-termini u kundizzjonijiet, tal-garanziji, tad-deskrizzjonijiet tal-prodott, tal-informazzjoni dwar il-kumpanija, tal-*email* bil-konferma tal-ordni, u tad-dokumenti l-oħra relatati mal-ordni tiegħek. Żomm ukoll kopja tal-korrispondenza li seta' kellek mal-bejjiegħ: din tista' tkun ta' użu fil-każ li jinqalgħu xi problemi.

## Ħarsien tad-dettalji personali tiegħek

- Xi drabi tista' tintalab tirreġistra ma' xi sit elettroniku jew irkant *online* partikolari u għaldaqstant ikun meħtieġ *username* u *password* sabiex tixtri bl-Internet.

- Il-***usernames u/jew passwords*** għandhom ikunu uniċi u għandhom preferibbilment jikkonsistu minn sekwenza ta' ittri, numri u sinjali tal-punteġġjatura.

- **Ibdel il-*password* tiegħek ta' spiss u tużax l-istess *password* għal iktar minn sit elettroniku wieħed.**

- Dejjem uża dawk li jissejħu ***secure checkouts***. Ġeneralment dawn jipproteġu l-informazzjoni personali u finanzjarja tiegħek. Din l-informazzjoni tkun tista' tinqara biss mill-bejjiegħ u mill-istituzzjoni li permezz tagħha tkun ħallast għall-prodott jew servizz bil-karta tal-kreditu; b'hekk, ħadd aktar ma jkun jista' jimmodifika jew ikollu aċċess għad-dettalji personali tiegħek.

- *Secure checkouts* ġeneralment ikollhom stampa ċkejkna ta' **ċavetta jew ta' katnazz magħluq** fuq in-naħa t'isfel tal-iskrin.

- Iċċekkja l-indirizz tal-paġna tas-sit elettroniku meta tintalab id-dettalji personali tiegħek. L-indirizz għandu jibda b'**'**http**s**://**'** u mhux, bħal siti elettroniċi normali, b''http://'. L-użu ta' dan l-indirizz differenti jindika li s-sit elettroniku huwa mgħammar b'sistemi ta' protezzjoni kontra serq jew manipulazzjoni ta' informazzjoni.

**Agħżel metodu ta' ħlas li joffri aktar sigurtà u li huma faċli biex jintuża, bħalma huma l-karti tal-kreditu u ċertu servizzi oħra ta' ħlas *online*. Dawn jipproteġu l-informazzjoni finanzjarja tiegħek meta tixtri permezz tal-Internet.**


Web Browser
https://www.domain.com
internet

- Ara li l-kumpanija li qed tixtri mingħandha jkollha dik li tissejjaħ ***Privacy Policy***, li tiddikkjara b'mod ċar kif se tintuża l-informazzjoni personali li qed tgħaddi lill-bejjiegħ, kif ukoll min se jingħata aċċess għaliha.

- Oqgħod attent għal dak li jissejjaħ 'serq ta' identità' (***identity theft***) meta tixtri bl-Internet. Dan it-tip ta' frodi jseħħ meta l-informazzjoni personali u finanzjarja tiegħek tinsteraq biex tintuża illegalment biex jinfetħu kontijiet ġodda f'ismek jew biex isiru transazzjonijiet mhux awtorizzati minnhek. Oqgħod attent b'mod partikolari għal *emails* foloz. Ħafna drabi, dawn l-*emails* jidhru qishom mibgħutin minn kumpanija awtentika li jista' jkun li xi darba tkun għamilt użu mis-servizzi tagħha. F'din l-*email* tintalab tagħti *passwords*, numri ta' kontijiet jew informazzjoni personali oħra. Kumpaniji serji QATT ma jitolbu din it-tip ta' informazzjoni permezz ta' *email*.

- **Qatt tħallas billi tagħti d-dettalji tal-karti tal-kreditu tiegħek permezz ta' *email*** normali meta tixtri bl-Internet.

- **Qis li tanalizza r-rendikonti tal-bank u tal-karti tal-kreditu** tiegħek b'mod regolari sabiex tkun taf jekk ikunux saru ħlasijiet li ma tkunx approvajt inti stess.

- Kun af **x'metodi għandek għad-dispożizzjoni tiegħek biex tkun tista' tagħmel ilment** jekk tiltaqa' ma xi problema wara li tixtri, jiġifieri fejn għandek iċċempel, tikteb jew tibgħat *email*.

Design / illustrations - Right Brain

mca

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

**L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**
Valletta Waterfront,
Ix-Xatt ta' Pinto,
Floriana, FRN 1913

**Tel** +356 21 336 840
**Fax** +356 21 336 846
***Email*** info@mca.org.mt
**Sit elettroniku** www.mca.org.mt